

# ID-DĦUL SOLENNI TAL-ISQFIJIET FIL-KATIDRAL TAL-IMDINA

Ospitalità Tradizzjonali Dumnikana fir-Rabat

minn Anton Attard

Waħda mid-drawwiet qodma fi gżiritna li, bħal bosta oħrajn li nqatgħu għal kollox u li issa jistgħu jitqiesu fost il-folklor tagħna, hemm id-Dħul Solenni ta' Isqof ġdid fil-Katidral tal-Imdina. Avveniment li kien jiġbed folol kbar. Kienet ġrajja importanti bil-Kunvent tad-Dumnikani ta' Santa Marija tal-Għar tar-Rabat fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Dan, għax bi tradizzjoni li tmur lura mijiet ta' snin, hemm kien jgħaddi l-lejl preċedenti ta' jum id-Dħul Solenni (jew Ingress) l-Isqof il-ġdid u minn hemm kien jibda l-korteo lejn l-Imdina l-għada filgħodu. Jingħad li fil-bidu, kien intgħażel dan il-kunvent għax kien l-aktar wieħed imbiegħed mill-Imdina u d-distanza kienet ta' siwi minħabba l-għadd kbir ta' dawk li kienu jieħdu sehem fil-korteo.

Mhux magħruf bi preċiżjoni meta bdiet din id-drawwa. Ir-rivalità (biex insejħulha hekk) bejn il-Gran Mastri, l-Isqfijiet u l-Inkwiżituri dwar preċedenzi u drittijiet hi magħrufa biżżejjed. Għalhekk, mhux ħaġa kbira li dak li beda l-Gran Mastru L'Isle Adam u komplewh dawk ta' warajh meta kienu jieħdu l-pussess tal-Imdina, imitawh l-Isqfijiet bil-pussess solenni tal-Katidral tal-kapitali l-antika, fejn kellhom ukoll wieħed mill-palazzi tagħhom. Ukoll, il-lejl ta' qabel jum l-ingress tagħhom, il-Gran Mastri kienu jgħadduh f'wieħed mill-kunventi tar-Rabat jew tal-Imdina, allura l-istess għamlu l-Isqfijiet, bid-differenza li dawn kienu jgħadduh fil-kunvent tad-Dumnikani biss.



Mons. Michele Giovanni Balaguer Camarasa

Skont ma ħalla miktub Patri Daniel Callus, fi studju li kien ippubblikat fir-rivista *Archivum Melitense (1917 Vol. III, pp. 3-9,)* l-ewwel ħjiel tal-qagħda tal-Isqof fil-kunvent Dumnikan jinstab fil-*Giuliana* (speċi ta' djarju) tal-kunvent għas-sena 1615, meta ħa l-pussess **Mons Michele Giovanni Balaguer Camarasa** (1636-1663). P. Pawl Galea OP (*Scientia Vol 10 Jul-Sept, pp.125-144),* meta bħal Callus kiteb dwar din id-drawwa fir-Rivista msemmija jgħid, li Camarasa aktarx m'għaddiex il-lejl preċedenti tal-Ingress għand id-Dumnikani, iżda mar fil-jum propriju filgħodu kmieni tat-22 ta' Settembru 1635. Mar imsieħeb minn Membri tal-Kapitlu tal-Katidral, għadd ta' patrijiet, qassisin u Kavallieri distinti li mxew miegħu fuq iż-żwiemel sa bieb il-katidral.



L-Isqof Gaspare Gori Mancini

Dwar il-ħames isqfijiet li ġew wara Balaguer Camarasa, fl-arkivju tal-kunvent ma nstab xejn, għalkemm, kif jaħsbu xi kittieba, xi wħud minnhom għamlu bħalu. Dan jista jikkonfermah il-kronista tal-kunvent meta kiteb dwar l-ingress tal-**Isqof Gori Mancini** (1722 – 1727) li seħħ fit-13 ta' Settembru 1722. Il-kittieb kien irrefera għal dan

l-avveniment bħala *drawwa antika ħafna*. Kompla li l-Isqof kien ħalla l-kunvent fi triqtu lejn l-Imdina riekeb fuq debba sewda mżejna b'damask abjad.


Mons. Paul Alpheran de Bussan

**Konferma Ċerta bid-dħul Solenni ta' de Bussan**

Permezz ta' dak li ħalla miktub il-kronista dumnikan fil-*Giuliana* dwar id-Dħul Solenni ta' **Mons Alpheran de Bussan**, (1728-1757), is-suċċessur ta' Gori Mancini, li seħħ nhar is-26 ta' Ġunju1728, hemm konferma li din it-tradizzjon ġa kienet teżisti f'Ingressi tal-imgħoddi. Callus ikompli li, minn kif tħalla miktub fl-istess *Giuliana* dwar id-dħul ta' de Bussan, nieħdu ħjiel ta' kif kien isir dan l-avveniment popolari f'dawk iż-żminijiet.

Kif l-Isqof wasal Malta minn Ruma, il-Pirjol tal-kunvent tar-Rabat, flimkien ma żewġ patrijiet oħra mar jiltaqa' miegħu fil-palazz il-Belt u stiednu biex jibda d-dħul tiegħu lejn l-Imdina mill-kunvent tiegħu, kif kien sar minn dawk ta' qablu. L-istedina ntlaqgħet u wara nofsinhar lejlet id-Dħul Solenni, l-Isqof, imsieħeb minn erba' Monsinjuri, ħareġ mill-palazz tal-Belt Valletta fuq karrozzella b'erba' żwiemel. Imxew warajh ħafna mill-membri tal-ġerarkija tal-Kurja u membri tan-nobbiltà Maltija, kollha fuq iż-żwiemel. Meta waslu Ħ'Attard, ħdejn il-knisja ta' Sant'Anjeże magħrufa bħala tal-Vitorja, intlaqa' mill-Ħakem tal-Imdina Mark Anton Inguaneż u l-membri tas-Senat, rappreżentant tal-Gran Mastru, kavallieri u membri tan-nobbiltà. L-Isqof niżel minn fuq il-karrozzella, u wara li sellem lil miġemgħa, rikeb żiemel abjad, u msieħeb mill-Ħakem fuq il-lemin u r-Rappreżentant tal-Gran Mastru fuq ix-xellug, komplew triqithom lejn l-Imdina. Meta waslu fuq is-Saqqajja, żdiedu magħhom il-familjari tal-Isqof, u għadd kbir ta' reliġjużi mill-parroċċi u l-kunventi ta' Malta. Wara li kulħad sab postu, imxew lejn il-kunvent tad-Dumnikani mseħbin mid-daqq tal-qniepen tal-knejjes tar-Rabat u tal-Imdina. Fil-bieb tal-kunvent, de Bussan sab jistennewh lill-patrijiet, li wassluh sas-sala fejn kellu jgħaddi dak il-lejl. Din kienet l-ewwel waħda fuq ix-xellug kif titla t-taraġ. Kienet iżżejnet b'damask u purtieri ħomor, inkluż ġinokkjatur bi mħadda miksija bil-bellus. Ftit wara, imbagħad, beda jilqa' lill-Monsinjuri, lin-nobbiltà u persunaġġi distinti oħra.

Kmieni filgħodu, l-Isqof, riekeb fuq debba bajda, imsieħeb mill-Ħakem tal-Imdina, il-Ġurati, in-nobbli, kavallieri u l-Monsinjuri tal-Katidral, kollha rikbin iż-żiemel, bdew il-mixja lejn il-Knisja ta' San Mark. Hemm l-Isqof xedd l-ilbies pontifikali u riekeb fuq debba ġdida mżejna għall-okkażjoni beda l-mixja għad-dħul fil-katidral. Fil-gallerija tal-Banca Giuratale kien hemm il-Gran Mastru De Vilhena (1722-1738) flimkien mal-Gran Prijur, membri tal-Kunsill tal-Ordni ta' San Ġwann u l-Inkwiżitur.

**Minn kortesija għal obbligu jew wegħda solenni**

Sal-Ingress ta' De Bussan, il-qagħda tal-Isqof għand id-Dumnikani kienet biss unur jew privileġġ bħala tpattija għall-ġentilezza u koperazzjoni ta' dawn lejn il-kap tal-Knisja Maltija u l-ħidma bla heda tagħhom fost il-poplu permezz tal-predikazzjoni. Iżda mill-1733, dan inbidel f'obbligu jew wegħda solenni min-naħa tal-kunvent wara kompromess li ntlaħaq bejn l-Isqof de Bussan u l-Komunità Dumnikana.

Meta d-Dumnikani kienu qed jibnu l-kunvent tar-Rabat, l-Isqof Antonio d'Alagona (1447-1448),

fuq tħabrik ta' Patri Zurki, kien ta lid-Dumnikani biċċa art tmiss mal kunvent, biex għamluha ġnien, għal ħlas ta' żewġ tari fis-sena. Fl-1480, is-suċċessur ta' d'Alagona, Mgr. Giovann Paterno' (1479-1489 ) mhux biss ikkonferma din l-għotja, iżda magħha żidilhom biċċa oħra mill-fewdu tal-Isqof, b'emfitewsi ta' 3 tari fis-sena. L-Isqof de Bussan, fl-1733, sab li dan il-ħlas ma sar qatt, għalkemm il-patrijiet sostnew mod ieħor. Intlaħaq ftehim li d-dejn jibda jitħallas ftit ftit. Iżda wara aktar diskussjonijiet, b'saħħet l-ispejjeż li l-kunvent kien ikollu waqt il-qagħada tal-Isqof fil-kunvent, de Bussan ħafrilhom id-dejn. Il-ħlas ta' ħames tari fis-sena raħħasulhom għal tari wieħed, li kellu jitħallas nhar il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, bil-kundizzjoni li l-qagħda tal-Isqof ġdid lejlet id-dħul tiegħu fil Katidral, (skont Callus) issir bi dritt. Iżda skont Galea, minflok bi dritt, dan jibqa' jsir wara l-wegħda solenni li r-rappreżentanti tal-Komunità Dumnikana tar-Rabat għamlu lill-Isqof.


Fra Bartolomeo Rull

## Xi eċċezzjonijiet

Kien hemm Isqfijiet li ġew wara de Bussan li, jekk kienx dritt jew wegħda, m'għamlux użu la minn wieħed u anqas mill-oħra. Is-suċċessur tiegħu. **Fra Bartolomeo Rull** (19/12/1757-19/2/1769) ma marx għand id-Dumnikani lejlet l-Ingress. Mar għandhom fil-ħamsa ta' filgħodu jum id-Dħul Solenni, li seħħ nhar is-27 ta' Ġunju 1758. Dan l-Isqof kien ta' saħħa fraġli ħafna u minħabba uġiegħ li kien qed iħoss f'riġlejh, ma kienx fi stat li jitla t-taraġ biex juża s-sala użata minn dawk ta' qablu. Il-patrijiet qegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu waħda mill-kmamar t'isfel. Wasal fil-kunvent fil-ħamsa ta' filgħodu, fejn sab jistennewh il-Monsinjuri tal-Katidral, il-Ħakem, il-Ġurati u n-Nobbiltà. Wara l-merħba u l-proċeduri tas-soltu, kulħadd rikeb iż-żiemel tiegħu biex sieħeb lill-Isqof fil-mixja lejn l-Imdina. Dakinhar, il-Gran Mastru Pinto de Fonseca (1741-1778) kien stenna u laqa' lill-Isqof fil-Banca Giuratale u assista għall-Quddiesa Solenni minn fuq it-tron. Dan seħħ wara li xi proċeduri dubjużi li l-Gran Mastru ppretenda li għandu jkollu dakinhar, biex jiġi evitat l-inkwiet, il--Kapitlu tal-Katidral ippermettihomlu, ukoll jekk ma kellux dritt għalihom.


Giovanni Carmine Pellerano

Il-qagħda ta' **Giovanni Pellerano** (1770-1780) għand id-Dumnikani kienet xi ftit differenti wkoll minn dik ta' predeċessuri tiegħu. L-Ingress tiegħu kien sar fil-1 ta' Novembru 1770. Fil-kronaka tal-kunvent ma nkiteb kważi xejn għajr li, fil-ktieb tal-kontijiet tniżżel li l-qagħda tiegħu kienet swiet biss 3 skudi u 8 tari. Din in-nefqa saret għal riċeviment li sar fejn ġew servuti ċikkulata, pastizzi u biskuttini li ġew servuti lill-Isqof u l-familjari tiegħu li waslu miegħu fil-kunvent u biex inġieb fi stat xieraq il-parlatorju.


L-Isqof Labini

**L-Isqof Labini** (1780-1807), għamel xi ħaġa ġdida. Ma marx għand id-Dumnikani. Il-mixja lejn il-katidral kien bdieha direttament mill-Knisja ta' San Mark tal-Agostinjani.


Mons. Ferdinando Mattei

## Il-Pussess tal-Isqfijiet Maltin

Id-Dħul ta' **Mgr Ferdinando Mattei** (1807-1829) Isqof Malti mill-Isla, wara tant u tant Isqfijiet barranin, sar mhux biss bħal ħafna minn dawk ta' qablu; anzi kien aqwa. L-għażla tiegħu ntlaqgħet b'ferħ kbir mill-poplu, inklużi d-Dumnikani. Dan jikkonfermah dak li ħalla miktub il-kronista tal-kunvent. Iddeskriva l-qagħda ta' Mattei bħala waħda mill-aktar straordinarji, li swiet lil kunvent 302 skudi, ħafna u ħafna aktar milli kienu jonfqu għal dawk ta' qablu. Sa waslu li, biex ilaħħqu mal-ispiża, kellhom jissellfu l-flus. L-Ingress tal-Isqof il-ġdid tħalla għall-Ħadd 29 ta' Mejju 1807. Fuq barra, il-festeġġjamenti nbdew minn ġurnata qabel. Taħt is-Saqqajja saru t-tiġrijiet tal-bhejjem u magħhom programmi mużikali mill-baned. Ħafna tat-tajjeb, biex ma jitilfu xejn mill-ispettaklu, għal tul dawk il-jumejn, waslu biex krew xi dar fir-Rabat bi ħlas ta' 40 skud. Somma li dik il-ħabta kienet għolja mhux ħażin.

Sa minn filgħodu kmieni ta' jum l-Ingress, it-triqat mnejn kellu jgħaddi l-korteo, il-bjut u l-galleriji kienu fgati bin-nies. Fis-7 ta' filgħodu, il-Ħakem u l-Ġurati waslu fil-kunvent fejn sabu lill-Isqof flimkien mal-Vigarju u l-patrijiet jilqgħuhom fil-bieb. Il-korteo beda miexi lejn l-Imdina wara saċerdot bis-Salib merfugh fuq quddiem nett segwit minn għadd ta' nobbli u dinjitarji, kollha rekbin iż-żwiemel. Warajhom kien hemm l-Isqof riekeb debba bajda taħt baldakkin u fl-aħħar nett il-Ħakem u l-Ġurati.

Kif waslu ħdejn is-Salib fil-ġnien tas-Saqqajja, l-Isqof niżel minn fuq id-debba u kompla mixjitu lejn il-Katidral, fost id-daqq tal-qniepen u s-salut minn kanuni stallati fuq is-sur ta' bieb il-belt. Quddiem il-Palazz tal-Universita, seminarista qara ndirizz ta' merħba. Kif spiċċa-salut ieħor, l-Isqof kompla triqtu lejn il-katidral, fejn fit wara ċċelebra Quddiesa Pontifikali.


Mons. Francesco Saverio Caruana

Is-suċċessur ta' Mattei, it-tieni Isqof Malti, kien **Mgr. Francesco Saverio Caruana** (1831 – 1847). Hu magħruf li dan kellu rispett kbir lejn id-Dumnikani. Kien jaf li kienu f'qagħda finanzjarja batuta u wara li nnota n-nefqa li għamlu fl-Ingress tal-predeċessur tieghu Mattei, biex jeħlishom mill-ispejjeż li l-mawra tiegħu setgħet tiswiehom, għażel li d-Dħul Solenni tiegħu ma jibdiehx mingħandhom. F'jum il-pussess mar ir-Rabat filgħodu kmieni fil-Knisja ta' San Bastjan u għalkemm inżammu l-proċeduri tas-soltu, triqtu lejn l-Imdina bdieha minn hemm.

L-**Isqof Publio Maria Sant** (1847-1857), li l-Ingress tiegħu sar fil-15 ta' Mejju 1848, m'għamilx bħal Caruana. Bħalma għamlu bosta minn dawk ta' qabilhom, għażel li jgħaddi l-lejl għand id-



L-Isqof Gaetano Pace Forno

Dumnikani. Ħalla l-palazz tal-Belt imsieħeb mill-Gvernatur O'Farrall (1847-1851) u għadd ta' monsinjuri, kappillani u saċerdoti. Kif wasal is-Saqqajja, tneħħew iż-żwiemel minn mal-karrozzella u sal kunvent, din inġibdet minn rappreżentanti tal-Għaqdiet Reliġjużi. L-istess kien sar sas-Saqqajja f'Jum l-Ingress. Minn hemm rikeb fuq debba bir-riedni miżmuma min-Nobbli Sant u Manduca, bil-lasti tal-baldakkin miżmuma minn sitt qassisin, fost iċ-ċapċip tal-poplu, id-daqq tal-qniepen u s-salut mill-kanuni tal-Armata. Wara li spiċċa l-Indirizz tas-soltu mis-seminarista, mexa lejn il-katidal, tkanta t-Te Deum u ċċelebra l-Quddiesa Pontifikali li għaliha kienu preżeni għadd ta' Uffiċjali Għolja tas-Servizzi Ingliżi. Filgħaxija, imbagħad saru t-tiġrijiet tal-bhejjem u programmi mużikali fil-pjazza tas-Saqqajja.

L-aktar li ġibed l-attenzjoni d-Dħul Solenni tal-**Isqof Gaetano Pace Forno OESA** (1857-1874), li seħħ fil-31 ta' Mejju 1858, li sar fuq l-istess linji tal-predeċessur tiegħu, kien ir-rifjut tal-magħruf Ġeneral u Kmandant tal-Armata Ingliża f'Malta, il-Ġeneral John Pennefather (1855-1859) li jsir is-salut tas-soltu bil-kanuni minn wieħed mir-reġimenti Ingliżi. Minkejja l-intervent tal-Gvernatur Le Merchant (1858-1864), il-Kmandant żamm iebes u s-salut baqa' ma ngħatax. L-Isqof ressaq protesta quddiem il-Gvernatur li min-naħa tiegħu kien pront jinforma b'kollox lis-Segretarju tal-Istat għall Kolonji fejn talab l-approvazzjoni biex għal quddiem dan is-salut isir obbligatorju. B'hekk is-salut kompla bi sbatax-il tir sparati mir-*Royal Malta Artillery.*



Mons. Carmelo Scicluna

Is-suċċessur ta' Pace Forno kien **Mons. Carmelo Scicluna** (1875-1888) li kompla mat-tradizzjoni li jgħaddi l-lejl qabel l-Ingress għand id-Dumnikani, kif fil-fatt sar kmieni filgħodu l-għada 7 ta' Gunju 1857.



L-Isqof Pietro Pace

## Tiżdied il-popolarità

Wara l-ħatra ta' Isqfijiet Maltin, aktar m'għadda żmien, aktar id-Dħul Solenni ta' Isqof ġdid żied fil-popolarità u beda jiġbed ħafna aktar nies lejn ir-Rabat u l-Imdina. Sar jum li jħabbatha ma' xi waħda mill-akbar festi Maltin. Tintebaħ b'dan meta, bħalma kien isir f'xi festa tal-qaddisin patruni, bdew jingħataw ħafna aktar publiċità fil-ġurnali sa bdew jinkitbu u jixxandru poeziji b'tifħir lejn l-Isqof ġdid fl-ewwel faċċati. Hekk seħħ, ngħidu aħna, fid-Dħul tal-**Isqof Pietru Pace**, (1884-1914) li sar nhar it-22 ta' Lulju 1889, meta fil-ġurnal *Malta* xxandret poeżija mdaqqsa miktuba bit-Taljan minn Antonio Dalli. Fid-Dħul ta' Pace tosserva xi nnovazzjoni,

jew li qatt ma ġiet irrapurtata qabel. Meta wasal is-Saqqajja, kien intlaqa' b'indirizz ta' merħba u ppreżentat b'bukkett tal-granutell.

Għand id-Dumnikani ngħata merħba mill-aqwa u fis-sala riservata għalih sar riċeviment mill-aqwa, li għalih kienu ġew mistiedna personalitajiet distinti. Il-festa fuq barra kompliet bil-kbir ukoll. Diversi triqat fir-Rabat u l-Imdina kienu mdawlin, banda għamlet programm fuq is-Saqqajja u tard filgħaxija sar il-logħob tan-nar.


L-Arċisqof Dom Mauro Caruana

Dakinhar tad-Dħul ġibed l-attenzjoni l-Konti Gerald Strickland, li kien wieħed min-nobbli b'waħda mil-lasti tal-baldakkin, li mexa taħtu l-Isqof riekeb fuq debba. L-għodwa ntemmet bi pranzu wara l-quddiesa fil-palazz tal-Isqof bil-mistieden prinċipali jkun il-Gvernatur. Filgħaxija, l-festa kompliet fuq barra wkoll bil-programmi tal-baned u bit-tiġrijiet tal-bhejjem.

Id-Dħul Solenni tal-Isqof **Dom Mauru Caruana OSB** (1915-1943) kien fula maqsuma mad-Dħul tal-Isqof Alpheran de Bussan li kien seħħ 187 sena qabel. Kien beda triqtu lejn il-kunvent tad-Dumnikani fl-4.15 ta' wara nofsinhar tat-18 ta' April 1915. Kif daħal fis-sala mħejjija għalih, intlaqa' b'indirizz moqri minn P. Gabriel Bezzina Wilkin OP, miktub mill-Provinċjal, P. Antonin Gatt OP.

L-għada fit-8.00 ta' filgħodu beda l-korteo lejn il-Knisja ta' San Mark u minn hemm lejn l-Imdina. Li ma kienx issemma fid-Dħul ta' de Bussan, snin qabel, kien jekk sarlux xi indirizz mal-wasla tiegħu quddiem il-katidral. Fil-każ ta' Caruana kien sar wieħed bil-Latin moqri mis-seminarista Alberto Pantalleresco (1891-1963), li 'l quddiem sar prominenti fl-istorja kemm dik reliġjuża kif ukoll dik ċivili ta' Gżiritna.

Kien hemm żmien meta qabel id- dħul fl-Imdina, l-Isqof kien ixidd l-ilbies pontifikali fuq tribuna, magħrufa bħala *baracca*, li kienet tintrama ħdejn is-salib fil-ġnien tas-Saqqajja. Dom Mauro Caruana m'għamilx hekk iżda reġa' lura għall-imgħoddi. Libes għall Pontifikal u beda mixjitu mill-Knisja ta' San Mark. Xi ħaġa oħra ġdida fl-Ingress ta' Caruana saret fil-korteo. Għalkemm huwa żamm id-drawwa li jirkeb debba, dawk li seħbuh, minfok fuq iż-żwiemel, rikbu fil-karozzi.


L-Arċisqof Dom Mauro Caruana fuq id-debba fl-Ingress tiegħu fl-Mdina

## Il-Pussess Straordinarju ta' Gonzi



L-Arċisqof Mikiel Gonzi

Jekk id-dħul tal-Isqof Gaffiero kien deskritt bħala straordinarju, minn rapporti dettaljati li dehru l-għada fosthom dak fit-*Times of Malta* tat-23 ta' Mejju 1944 u dak li kitbu P. Pawl Galea OP, u P. Daniel Callus OP, ma tistax ma tikkonkludix li dak tal-**Arċisqof Mikiel Gonzi** (1943-1976), li sar fit-22 ta'Mejju 1944, kien jisbqu. Jidher li xi attivitajiet saru għall-ewwel darba, jew jekk kienu saru qabel, ma kenux gew irrapurtati. Qabel xejn, jum id-Dħul Solenni, l-Amministrazzjoni Ċivili ddikjaratu festa pubblika u allura, il-poplu seta jattendi bi ħġaru inkluż għadd imdaqqas ta' Għawdxin, fejn Gonzi kien Isqof. Biex in-nies isibu post fejn jistgħu jaraw aħjar, it-toroq bdew jimtlew sa mill-4.00. ta' filgħodu

It-tħejjijiet għall-Jum Solenni bdew kmieni aktar mis-soltu. Fit-13 ta' Mejju, il-Vigarju Ġenerali bagħat ċirkulari lil parroċċi kollha fejn ħareġ struzzjonijiet ta' kif u meta għandhom jindaqqu l-qniepen mill-knejjes kollha ta' kull parroċċa waqt iċ-ċerimonji li jkunu qed isiru fir-Rabat u l-Imdina. Fis-17 ta' Mejju, Gonzi ħareġ Pastorali u ħabbar li l-Papa għolla d-Djoċesi Maltija għal Arċidjoċesi u konsegwentement hu kellu jsir l-ewwel Arċisqof Metropolita.

L-Arċisqof Mikiel Gonzi mal-Komunità Dumnikani tar-Rabat lejlet l-Ingress tiegħu fl-Mdina



Il-lejl ta' lejlet l-Ingress, Gonzi, bħal biċċa l-kbira ta' dawk ta' qablu, għaddieh fil-Kunvent tad-Dumnikani. Lejlet l-Ingress, fil-5 ta' waranofsinar, ħareġ mill-palazz tal-Belt għar -Rabat fuq karrozzella b'erba' żwiemel, ekortat minn stakkament tal-Kavallerija mill-Korp tal-Pulizija. Miegħu kien hemm l-ADC tal-Gvernatur u għadd ta' Monsinjuri. Fil-Pjazza tal-Palazz, l-Arċisqof spezzjona Gwardja tal-Unur iffurmata mill-*King's Own Malta Regiment*.

L-Arċisqof wasal għand id-Dumnikani fid-9 ta' billejl, fejn sab kunvent imżejjen bi skrizzjonijiet ta' merħba u awguri, kollha bil-Latin, xogħol P. Pawl Galea O P. Damask aħmar u fjuri kulfejn tħares. Ħareġ fil-gallerija tal-kunvent mnejn indirizza folla li nġabret fil-pjazza. Wara daħal ġewwa biex jiltaqa' mal-mistednin, fosthom il-Prepostu u l-Kapitlu ta' Birkirkara li ġew mistiedna għall-ewwel darba. Il-Pirjol ta merħba lill-Arċisqof b'indirizz bil-Latin. Gonzi wera l-apprezzament tiegħu lejn id-Dumnikani għal dak kollu li għamlu mal-predeċessuri tiegħu sa minn sekli sħaħ.

Stqarr ukoll li mhu ser jinsa qatt il-merħba li tawh dik il-lejla. Għaċ-ċena l-pirjol kien stieden lill-Gvernatur, lill-Prim Imħallef, lill-Isqof Galea u lil Monsinjur Pace, Vigarju ta' Għawdex.


L-Arċisqof Gonzi fuq id-debba fl-Ingress tiegħu fl-Mdina

Fit-8.15 ta' filghodu tad-Dħul Solenni, nhar it-22 ta' Mejju 1944 l-Arċisqof ħareġ mill-kunvent u rikeb karrozzella fi triqtu lejn il-Knisja ta' San Mark, minnfejn kellu jibda l-korteo lejn l-Imdina. Warajh, riekeb fuq żiemel mexa Mgr. Nerik Bonnici, bir-riedni taż-żiemel miżmumin minn Edgar Montanaro, Segretarju tal-Kumitat Organizzattiv u min-nobbli Saverin Manduca. Fil-knisja tal-Agostinjani sab jistennieh l-Arċidjaknu tal-Katidral bis-Salib f'idu biex jingħata l-ġurament ta' lealtà lejn il-Papa.

Wara li tlibbes l-ilbies pontifikali, fosthom il-mitra prezzjuża u ċurkett mogħti rigal mis-Societa' King's Own tal-Belt, rikeb fuq debba bajda u beda l-mixja lejn il-Katidral. Fuq quddiem imxew membri tal-Għaqdiet Reliġjużi, warajhom membri tal-Ordnijiet Reliġjużi, il-Kappillani, il-kanoniċi tal-Kolleġġjati ta' Malta u Għawdex, il-Kapitli tal-Katidral ta' Malta u Għawdex u fl-aħħar nett l-Arċisqof taħt baldakkin merfugħ minn tmien membri tan-nobbiltà, bir riedni miżmumin mill-Prim Imħallef Ġorġ Borg u mill-Markiż Scicluna.

Iċ-ċelebrazzjonijiet fuq barra kienu ħafna aqwa minn dawk ta' qabel. Għal din l-okkażjoni tissemma għall-ewwel darba l-parteċipazzjoni tal-baned 'il ġewwa mis-swar tal-Imdina. Meta l-Isqof fi triqtu lejn il-katidral għadda mill-Ark Trionfali li twaqqaf ħdejn il-Banca Giuratale, fejn kien hemm jistennieh il-Gvernatur, intlaqa' mill*Banda Konti Ruggieru* u kif wasal fil-Pjazza tal-Katidral laqgħetu l-*Banda L'Isle Adam.* Tant tqies speċjali dan il-jum li għat-tiġrijiet tal-bhejjem li saru dakinhar fit-Telgħa tas-Saqqajja, kienu preżenti l-Gvernatur Gort (1942 - 1944) u l-Arċisqof Gonzi, li qassam il-premjijiet lir-rebbieħa. Iċ-ċelebrazzjonijiet komplew filgħaxija fil Belt Valletta wkoll. Lura lejn il-palazz tiegħu fil-Kapitali, f'Bieb il-Belt l-Arċisqof sab tistennieh il *Banda King'Own* li mxiet quddiem il-karrozzella. Kompliet miegħu ukoll meta ż-żwiemel inħallu minn mal-karrozzella biex sal-palazz tiegħu din tinġibed mill-membri tal-għaqdiet reliġjużi. Kompliet is-serata l-*Banda La Valette* bi programm mużikali fi *Piazza Regina*

L-Ingress Solenni ta' Gonzi kien l-aħħar wieħed ta' kif konna niċċelebrawh sa minn sekli sħaħ. Dan seħħ wara d-Digriet tal-Papa San Ġwanni Pawlu II *Il Ceremoniale Episcoporum* tal-1984. B'hekk intemmet drawwa tradizzjonali li, skont ma kien inkiteb fil-ġurnal *Times of Malta,* kienet il-waħdanija fost il-pajjiżi nsara kollha.

## Bibliografija

***Scientia* - Vol. 10, July-Sept. I944 pp.125-144**
***Ibid.* - Vol.2, Jan-Mar. 1945, pp. 43-48**
***Archivum Melitense* - Vol. III, 1917, pp. 3-9**
***Times of Malta* -23 /5/1944**